DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/753

tas-16 ta' Mejju 2022

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 b'appoġġ għal proċess ta' tisħiħ tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta Deċiżjoni (PESK) 2019/938 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 pprevediet perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.

(3) Is-Sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, l-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm, talab estensjoni ta' 12-il xahar ta' dak il-perijodu ta' implimentazzjoni sal-10 ta' Lulju 2023, meta wieħed iqis id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

(4) It-tkomplija tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 sal- 10 ta' Lulju 2023 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji sal-10 ta' Lulju 2023.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/938,l-Artikolu 5(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandha tiskadi fl-10 ta' Lulju 2023.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/938 tat-6 ta' Ġunju 2019 b'appoġġ għal proċess ta' tisħiħ tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 63).